

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-19 ta' Jannar 2012

li tirrikjedi lill-Istati Membri li jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq ta' aċċessorji tat-tip ta' bastun b'manku twil għal għodda tal-id għall-qtugħ ta' siġar salvaġġi

(notifikata bid-dokument numru C(2011) 9772)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2012/32/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-makkinarju, u li temenda d-Direttiva 95/16/KE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tagħha,

Billi:

- (1) Magni tat-tirqim tal-ħaxix u għodda għall-qtugħ ta' siġar salvaġġi huma magni tal-ġardinar u l-forestrija tal-id u jintużaw għat-tqattigħ tal-ħaxix, ħaxix ħażin, siġar salvaġġi, siġar żgħar u veġetazzjoni simili. Magna tat-tirqim tal-ħaxix jew għodda għall-qtugħ ta' siġar salvaġġi kompluta tinkludi mutur ta' trazzjoni, xaft li jittrasmetti l-enerġija, aċċessorju tat-tqattigħ u parti tal-ilqugħ. Ħafna mill-magni li jaħdmu bil-kombustjoni, skont l-aċċessorju tat-tqattigħ li jkollhom magħhom, għandhom żewġ użi, jew għat-tqattigħ tal-ħaxix u l-ħaxix ħażin, jew għat-tqattigħ ta' siġar salvaġġi u siġar żgħar.
- (2) F'Settembru 2008, l-awtoritajiet tal-Isvezja infurmaw lill-awtoritajiet l-oħra tal-Istati Membri u lill-Kummissjoni li wħud mill-aċċessorji tat-tip ta' bastun b'manku twil, għat-tqattigħ ta' siġar salvaġġ, li jikkonsistu f'żewġ partijiet jew iktar tal-metall bħal katini, skieken jew xkupilji marbutin ma' parti li ddu, kienu qed jitqiegħdu fis-suq minn manifatturi li ma kinux il-manifatturi oriġinali tal-għodda għat-tqattigħ ta' siġar salvaġġi. L-awtoritajiet tal-Isvezja kkunsidraw perikolużi dawn l-aċċessorji tat-tip ta' bastun b'manku twil.
- (3) F'Mejju 2010, l-awtoritajiet tar-Renju Unit informaw lill-awtoritajiet tal-Istati Membri u lill-Kummissjoni dwar inċident fatali li kien jinvolvi aċċessorju tat-tip ta' bastun b'manku twil għat-tqattigħ ta' siġar salvaġġi, li jikkonsisti

f'żewġ katini mwaħħlin ma' diska tal-metall. Ħolqa tal-katina kienet taret waqt l-użu tal-għodda tat-tqattigħ ta' siġar salvaġġi armata b'aċċessorju tat-tqattigħ bħal dan, u weġġgħet fatalment persuna li kienet fil-qrib. Ir-Renju Unit ħa miżuri sabiex jiżgura l-irtirar mis-suq u mis-servizz tal-aċċessorji tat-tqattigħ ikkonċernati. Waqt il-laqgħa tal-Kumitat tal-Makkinarju li saret fit-2 ta' Ġunju 2010, ir-Renju Unit talab lill-Kummissjoni sabiex teżamina l-bżonn li tiġi adottata miżura li tirrikjedi li l-Istati Membri jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq ta' aċċessorji tat-tqattigħ simili li għandhom karatteristiċi tekniċi simili.

- (4) Aċċessorji tat-tip ta' bastun b'manku twil għat-tqattigħ ta' siġar salvaġġi, imqiegħda fis-suq separatament sabiex jiġu mmontati mill-operatur mal-għodda tat-tqattigħ ta' siġar salvaġġi, mhux koperti bil-valutazzjoni tar-riskju, id-dikjarazzjoni tal-konformità tal-KE u l-istruzzjonijiet tal-manifattur tal-għodda tat-tqattigħ ta' siġar salvaġġi, huma apparat interskambjabbli skont id-definizzjoni stabbilita f'punt (b) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2006/42/KE.
- (5) It-Taqsima 1.3.2 tal-Anness I tad-Direttiva 2006/42/KE dwar ir-riskju ta' ħsara waqt l-operat, tirrikjedi li l-bosta partijiet tal-makkinarju u l-irbit tagħhom ma' xulxin iridu jkunu kapaċi jifilħu l-pressjonijiet li jkunu suġġetti għalihom meta jintużaw. Fejn jibqa' r-riskju ta' qsim jew ta' diżintegrazzjoni minkejja l-miżuri meħuda, il-partijiet ikkonċernati għandhom ikunu mmuntati, mqiegħda fil-pożizzjoni u/jew imħarsa b'tali mod li ma jtirux biċċiet, u b'hekk jiġu evitati sitwazzjonijiet perikolużi. It-Taqsima 1.3.3 tal-Anness I tad-Direttiva dwar ir-riskju li jiġu permezz ta' oġġetti li jaqgħu jew jintremew 'il barra, tirrikjedi li jittieħdu prekawzjonijiet sabiex jiġu evitati riskji minn oġġetti li jaqgħu jew jintremew 'il barra.
- (6) EN ISO 11806:2008, l-istandard armonizzat għall-għodda tal-id għat-tqattigħ ta' siġar salvaġġi u li jaħdmu permezz ta' magna bil-kombustjoni, jinkludi speċifikazzjonijiet tekniċi u testijiet sabiex jiżguraw is-saħħa adegwata tal-aċċessorji tat-tqattigħ u jitnaqqsu r-riskji minħabba oġġetti li jintremew 'il barra. L-istandard ma jipprevedix aċċessorji tat-tqattigħ li jikkonsistu f'fiktur

⁽¹⁾ ĠU L 157, 9.6.2006, p. 24.

- minn parti waħda tal-metall. Filwaqt li l-applikazzjoni tal-istandard armonizzat hija volontarja, l-istandard jindika l-livell għoli li għandu jiġi kkunsidrat meta jiġu applikati r-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u s-sigurtà tad-Direttiva 2006/42/KE, skont il-prinċipji ġenerali stipulati fl-introduzzjoni għall-Anness I tad-Direttiva 2006/42/KE.
- (7) L-użu ta' aċċessorji tat-tip ta' bastun b'manku twil għat-tqattigħ b'partijiet tal-metall marbutin flimkien iwassal b'mod sinifikanti għal riskji residwi ogħla ta' ħsara waqt l-operat u r-rimi 'il barra ta' oġġetti milli meta jintużaw l-għodda bi xfafar singoli tal-metall. Il-partijiet tal-metall ta' aċċessorji tat-tip ta' bastun b'manku twil għat-tqattigħ u l-irbit tagħhom ma' xulxin huma suġġetti għal pressjonijiet mekkaniċi għoljin irripetuti meta jiġu f'kuntatt ma' ġebel, blat u ostakli oħra u għandhom tendenza li tiġrilhom ħsara u li jintremew 'il barra b'veloċità għolja. Għandhom ukoll tendenza li jarmu l-ġebel b'enerġija ogħla mill-għodda bi xfafar singoli tal-metal. L-ilqughijiet imwahnin mal-għodda tal-id tat-tqattigħ ta' siġar salvaġġi ma jistgħux jipprovdur protezzjoni adegwata kontra r-riskji għoljin maħluqin mill-aċċessorji tat-tip ta' bastun b'manku twil għat-tqattigħ b'partijiet tal-metall marbutin. B'konsegwenza, meta wieħed jikkunsidra l-istandard ta' livell għoli, l-aċċessorji tat-tip ta' bastun b'manku twil għat-tqattigħ ta' siġar salvaġġi ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala konformi mar-rekwiżiti stipulati fit-taqsimiet 1.3.2 u 1.3.3 tal-Anness I tad-Direttiva 2006/42/KE. Dik in-nuqqas ta' konformità twassal għal żieda sinifikanti tar-riskju li l-utenti jew persuni oħra esposti jwegġġu serjament jew fatalment.
- (8) Fit-22 ta' Ottubru 2010, il-Kummissjoni kkonsultat lill-Federazzjoni Ewropea tal-Makkinarju tal-Ġonna dwar miżura ta' abbozz sabiex tittratta l-aċċessorji perikolużi tat-tqattigħ ta' siġar salvaġġi. Fit-tweġiba tagħha tad-data tal-4 ta' Novembru 2010, il-Federazzjoni esprimiet appoġġ għall-miżura ta' abbozz.
- (9) Sabiex jiġu evitati iktar inċidenti, għandu jingħata l-iqsar perjodu possibli biex jiġu applikati l-miżuri meħtieġa minn din id-Deċiżjon.
- (10) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 22 tad-Direttiva Nru 2006/42/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq ta' aċċessorji tat-tip ta' bastun b'manku twil għat-tqattigħ b'partijiet tal-metall marbutin għal għodda tal-id ta' tqattigħ ta' siġar salvaġġi.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Deċiżjoni sa mhux aktar tard mit-30 ta' April 2012. Huma għandhom jippubblikaw dawk il-miżuri u jinfirmaw minnufih lill-Kummissjoni dwar dan.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Jannar 2012.

Għall-Kummissjoni

Antonio TAJANI

Vċi-President